# 90 SENA TA' ĦIDMA MUSEUMINA F'BORMLA



Il-Fundatur Dun Ġorġ Preca beda s-Soċjetà u fetaħ l-ewwel Dar tad-Duttrina fil-Ħamrun fis-7 ta' Marzu 1907. L-iktar membru viċin ta' Dun Ġorġ u li 'l quddiem kellu jkun l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà M.U.S.E.U.M. Ewġenju Borg kien jaħdem bħala *pattern-maker* fit-Tarzna. Imħeġġeġ mit-tagħlim li kien qiegħed jieħu mis-Soċjetà ried jaqsam din l-esperjenza u t-tagħrif fuq Alla ma' l-oħrajn li kienu neqsin sewwa mit-tagħlim. Il-providenza ta' Alla riedet li tinqeda b'dan il-bniedem biex jiftaħ it-tieni Qasam tas-Soċjetà.

Il-ħin ta' l-ikel fit-Tarżna dak iż-żmien kien ta' siegħa u nofs u għalhekk Ewġenju kien jieħu l-okkażjoni li jmur f'xi ħwienet fejn kien ikun hemm ħafna rġiel jieklu u jixorbu xi ħaġa. Dawn tant interessaw ruħhom f'li kien jgħallimhom Ewġenju li dan għamel kuraġġ u kompla f'din il-missjoni. Meta kien ikollu ħin wara li jispiċċa mix-xogħol fil-5.00 p.m. kien imur f'xi klabb fejn kien ikun hemm ħafna żgħażagħ. Ewġenju daħal f'ħafna familjarità ma' nies minn Bormla u ddeċieda, naturalment inkoraġġit u mogħti parir minn Dun Ġorġ biex jiftaħ il-Qasam ta' Bormla. Dan kien sewwa sew fi Frar ta' l-1908. L-ewwel post li nkera biex issir id-duttrina fiha kien fi Triq Santa Marija, illum Triq Abram Gatt.

L-ewwel Superjur lokali kien Ġiġi Vidal. Wara ftit żmien ġie mikri post fi Triq Pietru Pawl Caruana ħdejn it-Tarżna. Hawnhekk kienu jsiru laqgħat għat-tfal u l-kbar. Minħabba l-problema tat-trasport pubbliku, ħaddiema minn irħula oħra, bħal Gudja, iż-Żurrieq u Ħad-Dingli ma kinux imorru lura d-dar kuljum, imma kienu jikru xi kamra fejn jorqdu f'Bormla u jmorru d-dar fi tmien il-ġimgħa. Dawn ukoll kienu jattendu għal-laqgħat ta' formazzjoni fil-Museum.

Wara xi żmien inkera post fi Triq il-Kampnar u ftit wara inkera ieħor fi Strada Buongiorno, illum Triq Matty Grima. Billi dawn id-djar kienu żgħar inħass il-bżonn li jinstab xi post xi ftit aktar spazjuż. Għalhekk fl-1917 inkriet dar kbira fi Triq Nelson. Din id-dar damet isservi ta' Qasam sa l-1936. Fl-1918 beda jservi ta' Superjur Rużar Maniscalco. Sadattant kienu ħafna s-soċji minn Bormla u kienu jattendu wkoll xi soċji mill-Birgu u l-Kalkara. Dun Ġorġ spiss kien jiġi Bormla u kien iżur is-Santwarju tal-Madonna.

Xi soċji minn Bormla ġew inkarigati biex jiftħu oqsma oħra fin-Naxxar, iż-Żejtun, il-Kalkara u oħrajn kienu jmorru jgħinu fit-tagħlim Ħal Tarxien, Raħal



**IL-ĦAMIS, 24 TA' DIĊEMBRU, 1998.** Bandisti voluntieri mill-Banda San Ġorġ waqt il-purċissjoni bl-istatwa tal-Bambin Ġesù flimkien mat-tfal subien u bniet tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. li dis-sena 1999 qed jiċċelebra għeluq id-90 sena mit-twaqqif fil-Belt Cospicua.

Ġdid, il-Gudja u oqsma oħra. Għall-ħabta ta' l-1930 kien hemm 24 soċju fil-Qasam.

Fl-1931 inbidel is-Superjur u ġie elett is-Superjur Ċikku Saliba li fl-1967 sar Superjur Ġenerali. Dam biss 10 xhur għax il-familja marret toqgħod ir-Raħal Ġdid. Għalhekk Ġużeppi Calleja ġie magħżul bħala Superjur tal-Qasam. Huwa ħalla din il-kariga fl-1937 minħabba l-familja.

Dan iż-żmien inkriet dar oħra viċin il-parroċċa fi Triq Santa Tereża llum Triq il-Pellegrinaġġ. Wara sar Superjur proviżorju Fredu Buhagiar.

Meta bdiet il-gwerra s-soċji evakwaw u xterdu ma' ħafna rħula u hekk kienu ta' għajnuna għall-oqsma fejn marru. Xi soċji baqgħu jgħallmu d-duttrina fil-foss tal-Birgu fejn kien hemm ħafna *shelters*. Il-Qasam fl-1943 reġa' beda jiffunzjona fid-dar numru 87, Triq Santa Margerita. Is-Superjur Calleja reġa' beda jmexxi bħala Superjur u dam sa l-1946. Id-dar kellha tinbidel ma' oħra ħdejn Pjazza Paolino Vassallo li fiha domna xi 10 xhur biss. Fl-1945 inkriet dar fi Triq San Ġorġ. Wara li rtira s-Superjur Calleja fl-1946 sar Superjur Duminku Galea li dam sentejn.

Reġa' beda jmexxi s-Superjur Ċikku Saliba bħala delegat tas-Superjur Ġenerali. F'April 1950 is-Superjur Ġenerali nkariga lil Ġużeppi Zammit li dam imexxi sa l-1975. Wara l-gwerra kienu ħafna li ġew inkorporati soċji. Fl-1954 inbidel il-post f'ieħor fl-istess Triq San Ġorġ. F'Ġunju 1975 beda jmexxi Alfred Farrugia li dam imexxi 8 snin sa l-1983.

Is-Superjur Ġenerali preżenti Victor Delicata għamel lis-Superjur Toni Borg li mexxa l-Qasam għal 5 snin u nofs. Fl-1989, fl-24 ta' Jannar ġie nkarigat is-Superjur Francis Felice li ħafna għadhom jiftakruh għax-xogħol li sar fi żmienu biex inxtrat id-dar fi Triq Verdala u ġiet irranġata biex isservi għall-edukazzjoni nisranija għat-tfal il-kbar. Il-post ta' Triq San Ġorġ għadu jservi għat-tagħlim tal-klassijiet iż-żgħar.

Fis-26 ta' Ġunju 1997, is-Superjur Ġenerali għażel lil Tarcisio Axiaq minn Ħaż-Żabbar bħala Superjur Partikulari tal-Qasam ta' Bormla. Nixtiequ nawgurawlu fix-xogħol tiegħu biex bl-għajnuna tal-Verġni Mbierka, il-Qasam ta' Bormla jibqa' jifforma t-tfal u ż-żgħażagħ biex għada jkunu rġiel insara kif iridhom Alla.

Ġużeppi Grima
*Soċju*

HORACE ENTERPRISES LTD.

TROPHIES, SPORTS GOODS
IMPORTER & WHOLESALER

*Engraving Struck Available*
*No. 1 for Price and Quality*

174, TRIQ RAYMOND CARUANA,
GUDJA ZTN 11



Tel: 696302
Fax: 693397

